**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tat-Trattati jew ta' dispożizzjoni legali li għandha tiġi applikata fl-implementazzjoni tagħhom

   Ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta twettaq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tagħha tad-Deċiżjoni C (2014) 4443 finali fil-Każ M.7018, kif ukoll tal-impenji korrispondenti tagħha, sa fejn hija tillimita, f'dan il-każ, għat-terzi li jsegwu l-mudell ta' impriża ta' fornitur ta' servizzi l-hekk imsejħa "miżura korrettiva mhux MNO", li permezz tagħha Telefónica impenjat ruħha li tagħti lit-terzi l-aċċess għas-servizzi 4G fis-suq bl-ingrossa tat-telefonija mobbli, u ma tippermettix li Telefónica tagħti lit-terzi, skont il-"miżura korrettiva mhux MNO", l-aċċess għas-servizzi 4G fil-kuntest ta' mudell ta' impriża MVNO.

2. It-tieni motiv invokat sussidjarjament ibbażat fuq ksur tat-Trattati jew ta' dispożizzjoni legali li għandha tiġi applikata fl-implementazzjoni tagħhom kif ukoll żball manifest ta' evalwazzjoni u nuqqas ta' motivazzjoni sa fejn id-Deċiżjoni C (2014) 4443 finali tikkonkludi, b'mod żbaljat, li l-impenji meħuda minn Telefonica jistgħu jsolvu kwalunkwe problema ta' kompetizzjoni.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2016 – Mass Response Service vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-885/16)**

(2017/C 038/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mass Response Service GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: J. M. Schultze, S. Pautke u C. Ehlenz, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla l-atti tal-Kummissjoni, li joriġinaw mill-unità ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni, fil-kuntest tal-implementazzjoni tat-tielet kundizzjoni ("miżura korrettiva mhux MNO") tad-Deċiżjoni M.7018, b'mod partikolari l-pożizzjoni tagħha espressa fil-posta elettronika tal-24 ta' Ottubru 2016 u tad-29 ta' Ottubru 2016 li, billi teskludi l-operaturi ta' netwerk mobbli virtwali (MVNO, mobile virtual network operators) bħar-rikorrenti, tillimita l-miżura korrettiva mhux MNO għas-sempliċi fornituri ta' servizzi;

— sussidjarjament, tannulla d-Deċiżjoni C(2014) 4443 finali fil-Każ M. 7018;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-Kawża T-884/16, Multiconnect vs Il-Kummissjoni.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ottubru 2016 – Il-Polonja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-167/16)** [1]

(2017/C 038/71)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 243, 4.7.2016.